MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 574/2005

**Mark Borg**
**-vs-**
**Nicholas Farrugia u martu Annunziata Farrugia**

**Il-Qorti**

**Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li permezz taghha ppremetta illi:**

Premess illi l-attur kien impjegat mal-konvenut; u

Premess illi f'incident li sehh fis-16 ta' Ottubru 2003 waqt illi l-attur kien fuq il-post tax-xoghol gewwa r-Rabat, u dan waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu li b'konsegwenza taghhom tilef ix-xoghol u sofra debilita' permanenti li giet stabbilita mill-espert mediku Mr. Joseph E. Briffa; u

Premess illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli l-konvenut, minhabba li naqas li jiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni; u

Premess illi ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, il-konvenut baqa' nadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta' Ottubru 2003 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema ncident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi ncident, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra nterpellatorja datata 30 ta' Marzu 2005, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 16 li permezz taghha ppremettew:**

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma jahtu xejn ghall-incident li kien involut fih l-attur fis-16 ta' Ottubru 2003, u li a bazi tieghu giet intavolta dina c-citazzjoni. Fil-fatt jekk l-attur inkorra xi danni fuq il-persuna tieghu, dana kien esklussivament bhala konsegwenza tan-negligenza u t-traskuragni tieghu.
2. Fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur irid xorta wahda jipprova li huwa effettivament inkorra dizabilita' ta' natura permanenti, kif ukoll l-entita' tad-danni li qieghed jghid li nkorra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-partijiet.

**Fatti**

L-attur kien tqabbad mill-konvenut biex inaddaf plot gewwa r-Rabat. Hu kien qed jahdem wahdu u beda jimla t-terrapin mill-Bob Cat ghal gol van, u f'hin minnhom il-*bucket* tal-gaffa qabad pipe li dahal fl-ispazju bejn il-bucket ghal gewwa l-gabina tal-gaffa u dahal go sieq il-leminija ta' l-attur. L-attur irriversja l-gaffa biex ikollu tul bizzejjed biex il-pipe johrog minn saqajh u imbaghad cempel lill-konvenut biex jiehdu l-isptar.

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabilita'**

**L-attur issottometta** li l-konvenut bhala l-persuna li kien qed ihaddmu naqas mid-dmir tieghu li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha tal-haddiem impjegat minnu. Isostni li l-konvenut ma messux baghtu wahdu fuq il-lant tax-xoghol jew ghal anqas messu baghat mieghu haddiem iehor sabiex jassistih fit-tindif tas-sit partikolarment meta x-xoghol kellu jitwettaq parti manwalment u parti bl-ingenji. L-atturi jirritjeni li hu ma kienx negligenti f'xogholu u kien meqjus bhala affidabbli mill-konvenut tant li baghtu jaghmel xoghol ta' tnejn biex jiffranka.

**Il-konvenut issottometta** li hu kien ispezzjona l-post fejn kien ser isir x-xoghol u ghamel valutazzjoni ta' dak li kellu jsir u ma rrizultalux li kien hemm xi riskji ghas-sahha tal-haddiem. Ighid li l-attur li ghandu esperjenza sostanzjali fuq dan ix-xoghol ma accennax li x-xoghol kien b'xi mod perikoluz. Inoltre hu kien gie istruwit minnu kif kellu jesegwixxi x-xoghol. Hu kien ipprovvda l-attur bit-tghamir u makkinarju kollu mehtieg sabiex iwettaq ix-xoghol bla perikolu. Il-konvenut jirritjeni li kien impossibbli ghal kulhadd li jigi identifikat il-pipe billi dan kien mohbi taht it-

terrapien u ghalhekk l-ebda ammont ta' sorveljar ma setgha jipprevjeni l-incident. L-incident gara bhala konsegwenza ta' xi haga li ma kinitx tidher u ghalhekk ma kinitx prevedibbili.

**Ligi**

Il-gurisprudenza nostrali titfa' oneru qawwi fuq l-employer li jara li l-impjegati tieghu ma jigrilhomx hsara fuq il-lant tax-xoghol *a safe system of work* u din is-sistema trid tiehu in konsiderazzjoni, l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol (Schembri vs Caruana Kum 12/1/1983). Ghal dan kollu s-sid jrid ikopri lill-haddiem, inkluz l-aljenazzjoni tal-haddiem stess, u jekk jonqos minn dan l-obbligu, avvolja jista' jkun hemm grad ta' negligenza mill-haddiem stess, is-sid irid, fi grad jew iehor, jirrispondi ghad-danni li jirrizultaw.

L-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol (Kap. 424) jipprovdi dwar id-dmirijiet ta' min ihaddem u tal-haddiem.

<u>Dmir ta' min ihaddem</u>

**6.** (1) Min ihaddem ghandu dejjem jizgura is-sahha u ssigurtà tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem;

(2) Il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol, ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni li gejjin, jigifieri –

(*a*) li jigi evitat riskju;

(*b*) l-identifikazzjoni ta' perikli assocjati max-xoghol;

(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;

(*d*) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;

(*e*) li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu riskju kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz b'dak li ma jkunx
perikoluz jew li jkun anqas perikoluz;

(*f*) billi tinghata prijorità lill-mizuri ta' protezzjoni kollettivi fuq mizuri ta' protezzjoni individwali;

(*g*) li jigi adattat ix-xoghol ghall-haddiem, partikolarment ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-iddisinjar ta' postijiet tax-xoghol, l-ghazla ta' taghmir tax-xoghol u
l-ghazla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xoghol, u partikolarment sabiex jigi mnaqqas xoghol monotonu u xoghol li jkollu rata ta' xoghol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha;

(*h*) billi wiehed jaddatta ruhu ghall-progress tekniku fl-interess tas-sahha u tas-sigurtà fuq il-post tax-xoghol; u

……

(3) Minghajr pregudizzju ghall-generalità tas-subartikolu (2), min ihaddem ghandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it-tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xoghol.

<u>Dmir ta' l-impjegat</u>

**7.** (1) Huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir.

Ghalhekk ghall-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi 'a safe system of work' ghal dik li hi supervizjoni u adegwatezza ta' l-atrezzi, jikkorrispondi l-obbligu ta' min jahdem illi xoghlu jikkonducih b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma

jipprovokax hu stess incident illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati. (P.A. Busutill vs Meilaq 9/12/2002).

**Konsiderazzjonijiet**

Illi dana l-incident gara meta l-attur gie mqabbad mill-konvenut ihammel plot gewwa r-Rabat u kif kien qed itella t-terrapien bil-gaffa ghal gol-van f’hin minnhom jitfacca pipe tal-ilma tal-metal minn got-terrapien li spara qiesu molla u dahal gewwa l-gabina tal-gaffa ghal go saqghajn l-attur.

Il-konvenut qed jissottometti li huwa m’ghandu ebda htija billi dak li gara kien konsegwenza ta’ xi haga li ma kinitx tidher u ghalhekk ma kinitx prevedibbli. Hu kien ipproveda lill-attur bit-tghamir u makkinarju kollu mehtieg sabiex iwettaq dak ix-xoghol bla perikolu.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-fatti kollha tal-kaz u semghet lill-partijiet tasal ghall-konkluzzjoni li ghall-incident jahtu z-zewg partijiet.

Jirrizulta mhux kontestat li fuq is-*site* fejn kien ser jahdem l-attur, il-pipe proprja ma kienx jidher izda wara rrizulta li dan kien taht it-terrapien fejn kien hemm hafna hmieg iehor inkluz pajpijiet ohra u xibka tal-konkos. Lanqas ma hu kontestat li l-attur kien bniedem ta’ esperjenza fuq dan ix-xoghol u li mhux l-ewwel darba li ghamel xoghol simili.

Illi la l-attur u lanqas il-konvenut ma kienu qed jistennew li l-pipe in kwistjoni kien se jispara bhal molla ghal gol-kabina tal-Bob Cat u jidhol f’saqghajn l-attur.

Jibqa’ pero’ l-fatt li l-attur kien intbaghat mill-konvenut jaghmel dana x-xoghol wahdu u ma kellux l-assistenza u s-sorveljanza li tirrikjedi l-ligi gja riferita aktar ‘l fuq (Kap. 424). Dakinhar l-attur kien tqabbad ighabbi l-Bob Cat fil-van, isuq l-istess van fuq il-lant tax-xoghol u jhammel il-plot. Hemm hu kellu jiehu hsieb il-van (parkjar tal-van) inizzel il-Bob Cat u jghabbi t-terrapien mill-plot ghal gol-van u fl-istess hin jiehu hsieb jara x’qed itella mit-terrapien. L-attur gie mqabbad jaghmel dana kollu

wahdu. Hu kellu jaghmel xoghol kemm bil-gaffa kif ukoll manwalment, billi l-procedura kienet li meta jara li kien hemm oggetti bhala pipijiet jew fildiferru hu kellu jinzel mill-Bob Cat biex jaqta’ jew jikklerja oggetti biex ikun jista’ jkompli jahdem b’sigurta’.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-konvenut kellu tort f’dana l-incident billi baghat lill-attur jaghmel dana x-xoghol wahdu minghajr assistenza u sorveljanza. Kien l-obbligu tieghu li jissorvelja jew jibghat lil min jissorvelja jew ta’ lanqas biex jikkontrolla xi ostakoli addizzjonali li setghu jitfaccaw ghall-impjegat tieghu. F’dan il-kaz kieku l-attur kellu assistenza xi hadd kien jinduna li kien hemm il-perikolu meta tfacca l-pipe jew meta l-*bucket* kien qed jafas fuq il-pipe.

Min-naha l-ohra, fl-opinjoni ta’ dina l-Qorti l-attur irid ukoll igorr parti mir-responsabbilita’ billi hu bhala persuna ta’ esperjenza f’dana x-xoghol seta’ jipprevedi li waqt li qed itella t-terrapien setgha jsib l-ostakoli ghax fil-fatt xehed li meta kien jigri hekk hu kien ikollu jinzel mill-Bob Cat biex jikklerja l-oggett biex ikun jista’ jkompli. Hu kellu ghalhekk jimxi b’kawtela u *proper look out* ghal li jista’ jinqala’. Mit-tip ta’ materjal li kien hemm l-attur setgha jirrealizza li kien hemm possibilita’ ta’ perikolu u ghalhekk kellu jzomm attenzjoni l-hin kollu.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi l-attur u l-konvenut huma responsabbili ndaqs ghall-incident.

**Danni**

***Damnum Emergens***

Il-Qorti tinnota li ma saret ebda talba f’dana r-rigward.

***Lucrum Cessans***

Min-nota responsiva tal-konvenut, jidher li l-kontestazzjoni principali tieghu hija dwar id-disabilita’ permanenti stabbilita’ mis-Sur Joseph Briffa, il-plastic surgeon. Il-konvenut isostni li fid-determinazzjoni tad-danni ghandha

tigi accetata biss d-disabilita' indikata minn Mr. Ray Gatt u dana billi dina tirreferi ghall-kapacita' lavorativa ta' l-attur, mentri fic-certifikat ta' Mr. Briffa d-disabilita' hija minhabba l-iscar u din, skond l-attur, bl-ebda mod ma tirrestringi lill-attur milli jahdem. Skond il-konvenut il-kumpens li ghandu jigi akkordat ghandu jkun marbut ma' l-effett li d-dizabilita' jkollha fuq il-kapacita' tal-parti leza li tahdem.

L-attur jikkontendi li l-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qrati taghna tinterpreta d-dritt tad-danneggjat bhala jedd ta' indennizz ghall-inkapacita' *ut sic*.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi tal- P.A. J.S.P. Mifsud vs Agius 5/10/1994 u Zimmelli vs Sammut P.A. 15/6/1992 fejn f'kazi simili rigwardanti *scars* il-Qorti ddecidiet kif ghandha tigi stabbilita' d-disabilita'. Il-Qorti qalet li jidhrilha li hu xieraq f'kazijiet kongruwi bhal dak in ezami li t-telf ta' qliegh futur m'ghandux jigi <u>biss</u> relatat mat-telf attwali mill-impieg jew professjoni imma ghandu jiehu kont – ukoll jekk marginalment – ta' dawn il-fatturi li kwazi certament ser jinvolvu telf finanzjarju b'effett permanenti bhala konsegwenza diretta tad-debilita'.

Imbaghad ghar-rigward tal-kwistjoni dwar dawk il-kazijiet fejn l-attur ikun baqa' jahdem avvolja sofra disabilita' permanenti, il-Qorti irrilevat li din ix-xorta ta' sottomissjoni m'ghandha ebda bazi guridika billi llum hu stabbilit li l-Qorti ma tridx tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti imma wkoll fuq id-danni konsegwenzjali li jinkludu fost ohrajn il-kapacita' lavorattiva tieghu mhux biss fic-cirkustanzi tax-xoghol li attwalment qed jahdem fihom imma ukoll potenzjalment f'kull attivita' ohra lavorattiva miftuha ghalih, ghax wiehed jista' jsib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma jkorriex. Dawn l-opportunitajiet jistghu jkunu miftuha mhux biss ma' l-employer li wiehed ikun qed jahdem mieghu, imma wkoll ma' terzi jew anke wiehed ghar-rasu (ara App. Galea vs Mizzi 23/4/2001 u Soler vs Gove P.A. 14/10/2003).

Fil-kaz in ezami gew stabbiliti zewg disabilitajiet, wahda ghall-iscar u ohra mill-lat ortopediku. It-tnejn flimkien

iwasslu ghall-disabilita’ ta’ 13%. Il-Qorti hi tal-fehma li trattandosi ta’ ferita wahda li gabet zewg konsegwenzi thoss li dawn m’ghandhomx jigu konsidrati separatament imma ghandu jittiehed average. Dan mhux bhala xi assessment mediku gdid, veru u proprju imma apprezzament mill-Qorti ta’ l-effetti negattivi li l-ferita riportata necessarjament ikollha fuq l-earning capacity ta’ l-attur, apprezzament li bil-fors ikun approsimvattiv izda li jehtieg ukoll li jkun oggettiv u bilancjat. Dan il-Qorti taghmlu bhala estimu ekwittativ fic-cirkostanzi tal-kaz avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni u fl-istess hin biex id-debitur ma jigiex aggravat aktar milli haqqu. Fil-kaz in ezami l-Qorti qed tistabilixxi average ta’ 7%.

Biex jissostanzja t-talba tieghu ghall-*lucrum cessans* l-attur ipprezenta d-dokument FSS a fol. 28. Jirrizulta li meta gara l-incident l-attur kellu 21 sena. F’dan il-kaz il-Qorti se tikkunsidra l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva ta’ l-attur f’dan it-tip ta’ xoghol, kif ukoll ic-chances u changes tal-hajja u qed tistabilixxi multiplier ta’ 35 sena.

Kwantu ghall-paga l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni z-zidiet li jinghataw matul is-snin u ghalhekk qed taghmel kalkolu bazat fuq paga ta’ Lm5,000 fis-sena.

Id-disabilita’ permanenti giet stabbilita’ ghal 7%.

Kwantu ghall-Lump sum deduction l-Qorti mhiex ser taghmel ebda tnaqqis billi ghaddew biss tlett snin u ftit minn meta nfethet il-kawza u jidher li se jkun hemm diffikolta’ biex l-attur jithallas is-somma kollha f’daqqa.

Ghalhekk is-somma qed tinhadem hekk:

Lm5,000 x 35 = Lm175,000
7% dizabilita’ = Lm12,250
Minnhom l-attur irid ibati n-nofs = Lm6,125 jew Ewro14,267.41

**Decizjoni.**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara liz-zewg partijiet responsabbli ndaqs ghall-incident in kwistjoni;
Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ **Euro14,267.41;**
Tikkundanna lill-konvenut sabiex thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;
Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------